**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 4 ta' Mejju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 110 / 16RGM

Kawza fil-lista: 6

**D F**
**vs**
**L-Avukat Victor Bugeja u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li permezz ta' digriet datat 30 ta' Mejju 2016 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti S T**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi il-partijiet izzewwgu fis-16 ta' Lulju 2008, minn liema zwieg ma kienx hemm tfal;

2. Illi l-kunsens tal-attrici ghaz-zwieg msemmi inkiseb b'qerq dwar il-kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja rnizzewwga kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawza;

3. Illi il-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li, kif ukoll ser jigi ippruvat waqt il-kawza ghamlitha impossibbli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi b'hekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-Ligi;

6. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikkjara li z-Zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fis-16 ta' Lulju 2008, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan ai termini tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u b'mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) tal-istess artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li issir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-12 ta' Mejju 2016, li permezz tieghu talbet sabiex jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti zewgha S T fil-mori tal-proceduri odjerni, in kwantu mhuwiex traccabbli u ilu zmien jghix it-Turkija minghajr ma ghandha ebda hjiel fejn jinsab.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Mejju 2016, li permezz tieghu innominat lil Dr Victor Bugeja u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati pprezentata fit-22 ta' Gunju 2016, li permezz taghha eccipew:

1. Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti konnessi mal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-attrici tas-27 ta' Settembru 2016 (fol 23) li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha u dak ta' ommha Rita F.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' D F pprezentata fil-25 ta' Ottubru 2016 (fol 27).

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

**PROVI**

L-**attrici** tixhed bil-mezz tal-affidavit u tghid li fis-sena 2008, kienet ghadha toqghod Hal Qormi mal-genituri taghha. T S kellu hanut Turkish take away, minn fejn kienet gieli tixtri. Darba minnhom bdew jitkellmu u saru hbieb. Ftit zmien wara kien Splilha u peress illi dak iz-zmien ma baqatx tohrog ma' shabha, kienet accettat li tohrog mieghu u marru San Giljan.

Tghid li l-konvenut kien gie Malta ghax kellu inkwiet mal-familja tieghu u peress illi huh maghruf bhala Jimmy kien gia gie Malta, iddecieda li jigi hawn wkoll u beda jahdem ma’ huh fit-take away. Xi gimghatejn wara li ltaghu, huwa offrilha li tmur tahdem part time ma huh 'Jimmy', li kellu hanut iehor Turkish take away gewwa Haz-Zebbug. Hi accettat u ghamlet madwar tmien xhur jew disa’ tahdem hemm. Minn hemmhekk hija bdiet tiltaqa` mal-konvenut kwazi kuljum.

Fix-xahar ta' Gunju il-konvenut staqsiha jekk riditx li tizzewwgu. Hija kellha 23 sena u ghall-ewwel qaltlu li tahsibha u tghid lill-familja. Il-genituri taghha kienu hassrulha u meta qalet hekk lill-konvenut, huwa sar izjed iqatta’ hin maghha u kien anka jabbanduna ix-xoghol tieghu u jmur fil-hanut ta' huh. Dak iz-zmien hi kellha kwazi xi tghid mal-familja, u biex tirribella qaltlu li taccetta li jizzewwgu bic-civil. Wara xi xahar izzewgu fir-Registru Pubbliku, bla ma qalet lill-familja taghha.

Wara li zzewwgu l-konvenut kien kera flat u kienet marret toqghod mieghu xi jiem wara li zzewwgu. Ghamlet biss gimghatejn toqghod f'dan il-flat. Xi jiem wara li zzewwgu kien qalilha li ghad ma ghandux il-work permit u ghalhekk ikkonvinciha tmur mieghu id-Dipartiment Cittadinanza u Expatriates, biex tassistih ikellem persuna inkarigata fuq il-hrug tal-permessi tax- xoghol u residenza. Hekk kif marret mieghu, kien inbidel totalment u kien qalilha li kien accertawh li il-permess kien ser jinhariglu. Minn dakinhar kien beda jmur il-flat anka wara l-hamsa ta’ filghodu. Tghid li meta rat hekk kienet waqfet tahdem ma' huh u kienet marret id-dar ta' ommha u regghu rrangaw u ommha qaltilha li setghet tmur terga` toqghod ghandha. Lill-konvenut, wara gimghatejn tissaporti li hu kien jitfi l-mobile, kienet baghtitlu risposta ma' huh illi telqet mill-flat.

Tghid li wara ftit, il-konvenut kien mar wara d-dar ta' ommha ghal gharrieda bil-lejl, beda jhabbat mal- bieb b’mod aggressiv, u dak il-hin ma kien hemm hadd id-

dar hlief hi. Hi fethitlu u kien hemm argument ikrah fejn huwa qalilha illi ma kellux bzonnha izjed ghax accertawh li l-permess ta' residenza kien ser jinhariglu zgur. Hi ndunajt kemm kienet giet imqarrqa minnu. Fl-ahhar tax-xahar kien mar sid il-flat ghall-kera u kellha thallasha hi stess peress li s-sid kien habib tal-familja taghha.

Tghid li lill-konvenut ma kinitx ratu izjed u skopriet li kien telaq ghax irciviet sms bin-numru mit-Turkija fejn dan qalilha li kien T u kien ser jibqa’ t-Turkija xhur u meta jinhariglu l-permess Malti jerga jigi hawn. Skopriet biss illi rega’ gie billi xi sena wara li irceviet dan il-messagg, ratu f’pompa tal-petrol jaghti l-petrol imma hi baqghet sejra.

Saret taf wara xi sitt xhur illi l-konvenut kien telaq lura t-Turkija, ghax il-business li kellu mar hazin u anke il-hanut kien inghalaq. Diversi nies li kienu jafuh ikkonfermawlha li ma kienx ghadu Malta u dan madwar seba` snin ilu. Tikkonferma li qatt ma kellha kuntatti izjed mieghu la bil-mobile u lanqas bl ebda mod iehor ta' komunikazzjoni.

Tixhed omm l-attrici **Rita F**, bil-mezz tal-affidavit u tghid inter alia illi fis-sena 2008, madwar ix-xahar ta' April, bintha kienet bdiet tahdem part time gewwa hanut tat-Turkish take away u kienet saret taf certu S, li kellu dan il-hanut take away. Dak iz-zmien D, kienet qed tohrog wahedha ghax shabha li kellha tgharrsu jew izzewwgu u b'hekk kienet tkun hafna d-dar u ma tohrogx. Wara xi ftit gimghat qaltilha li kienet qed tohrog fil-weekends mal-konvenut u hi ma tantx hadet gost ghax barrani u kultura differenti.

Ftit gimghat wara marret tghidilha li ser tizzewwgu. Hi u l-bqija tal-familja haduha kontriha, u avvzawha li kienet qed tizbalja tizzewweg daqshekk malajr. Izda l-attrici ghamlet ta’ rasha u zzewwget. Ghal ftit jiem xi gimghatejn, kienet toqghod go flat izda wara gimghatejn regghet marret lura dar, ghax il-konvenut kien abbandunaha diga. Bdiet tghidilha kif riedha tmur mieghu id-Dipartiment tac-Cittadinanza, l-Belt wara jiem biss li zzewwgu. Hi kienet marret izda wara biss jiem huwa anka abbanduna l-flat mikri, u spiccat D thallas il-kera ta' xahar hija stess. Tghid li stqarret maghha kif qatt ma kellhom intimita’ bejniethom fil-ftit gimghat li kienu ilhom jafu lil xulxin.

Hija tiddikkjara illi qatt ma dahal ghandha d-dar u jidher car illi bintha giet uzata bhala mezz sabiex jipprova jakkwista permess ta' residenza gewwa Malta. Tghid li kien sabha fidila u marret mieghu ir-Registru Pubbliku sabiex tiffirma t-tnidijiet u z-zwieg.

**Ikkunsidrat**:

L-attrici tibbaza l-premessi taghha ghat-talba ta' nullita taz-zwieg abbazi tal-fatt li l-kunsens taghha nkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga skont l-Artiklu 19(1)(c); illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, skont l-Artikolu 19(1)(d) u li l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga skont l-Artikolu 19(1)(f) tal-istess Kap 255.

Jinsab assodat illi l-Qrati taghna, konstantement u konsistentement rritenew l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku u bhala tali jimmerita s-salvagwardi neccessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li ghalkemm tnejn resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tinhtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-giudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

In vena legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal hekk:

*"...f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. .... Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 intqal :

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' lallegazzjonijiet rispettivi taghha u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Rigward il-kawzali skont l-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap 255, fis-sentenza tad-29 ta' Novembru 2013 fl-ismijiet **Isabelle Rossi vs Michael Rossi** il-Qorti tal-Appell ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

*"L-ewwel kawzali u cioe` s-subinciz (c) huwa dak tal-qerq; din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li ma tirriskontra ebda qerq, fis-sens moghti mill-*

*gurisprudenza nostrali, fl-atti tal-kawza. Fir-rigward tas-subinciz (c) infatti l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Mary Farrugia v. Joseph Farrugia (13 ta' Marzu 1995) qalet illi: "Biex tissussisti s-sitazzjoni ravvistat fil-paragrafu inkwistjoni iridu jikkonkorru erbgha affarijiet;*

*1. Il-qerq ipperpetrat bil-hsieb li jikseb il-kunsens tal-parti;*
*2. Li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*
*3. Li l-qerq ikun jirrigwardja xi kwalita' tal-parti l-ohra u*
*4. Li din il-kwalita' tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*

Dwar il-kawzali skond l-**Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255** inghad fil-kawza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003:

*"...il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi."*

Fis-sentenza **Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-29 ta' Mejju 2003 ntqal:

*"...id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."*

Is-**subinciz (f) tal-Artiklu 19(1) tal-Kap 255** jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, b'tali mod li z-zwieg jkun qed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi ppruvat li xi hadd mill- partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens li minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha z-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewwga kien qed jigi eskluz a priori [vide fost ohrajn App. Civ **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza 27 ta' Jannar 2006 u Qorti Civili (Sezzjoni Familja) **Simon Cusens vs Romina Cusens** deciza fl-10 ta' DiSbru 2014 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 2016].

Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Magri vs Magri** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1994 citata fis-sentenza PA **John David Attard Montalto vs Maria Dolores sive Doreen Attard Montalto** deciza fit-22 ta' Gunju 2004:

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg hu wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Kif intqal ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Anthony Cutajar et nomine** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002:

*"...taht l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' il-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estermi tal-annullament taz-zwieg."*

Dwar zwieg ta' konvenjenza gie ritenut li:

*"Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija u/jew id-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu."* (vide PA **MaryRose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim** deciza fil-31 ta' Mejju 2005 u PA **Carmen El Shimi gia' Tanti vs Ibrahim Mohammed El Shimi** deciza 20 ta' Gunju 2002).[1]

Intqal ukoll li:

*"Meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi iz-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament."* (vide PA **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida** deciza 10 ta' Ottubru 1995 u PA **Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk** deciza 16 ta' Jannar 1998).[2]

---

1 Citati fis-sentenza 100/2013RGM **Li Dong Mei Muscat vs Louis Muscat** deciza 10 ta' DiSbru 2013

2 Ibid

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Riportat it-taghlim su citat ghall-kaz odjern, u fid-dawl tal-provi migjuba quddiemha, l-Qorti ma tirriskontrax l-estremi tal-qerq kontemplati fis-subinciz (c) tal-Artiklu 19(1) tal-Kap 255. Ma giex ippruvat li kien hemm da parti tal-konvenut raggiri li qarrqu lill-attrici sabiex taghti l-kunsens taghha, billi per ezempju heba difetti serji jew addirittura kkonvinciha minn pregji li ma jezistux. Din il-kawzali ma gietx ghalhekk ippruvata.

Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li lanqas ma gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi illi fil-mument tal-kunsens, l-attrici kienet afflitta minn nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li rrenda l-kunsens taghha wiehed vizzjat. Il-fatt li kellha tlieta u ghoxrin sena ma jirrendijiex awtomatikament nieqsa minn maturita` affettiva, bhal ma decizjoni zbaljata jew mghaggla ma jwassalx necessarjament ghal vizzju fil-kunsens. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju (vide in materja PA **Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt** deciza 15 ta' April 1996].

Izda ezaminati l-provi kollha, il-Qorti hija tal-fehma li ghall-konvenut dan kien zwieg ta’ konvenjenza li kien ser isolvilu l-problema tal-permanenza tieghu hawn Malta. Dan mhux biss jirrizulta mill-kambjament radikali li kellu l-konvenut fi zmien tant prossimu ghaz-zwieg, izda addirittura mill-fatt illi skont ma tixhed l-attrici fl-affidavit taghha, kien il-konvenut stess illi qalilha illi issa ma kellux bzonnha aktar ghaliex kienu accertawh li l-permess ta' residenza kien ser jinhariglu zgur.

Irrizulta ghalhekk illi fil-mument li kienu qed jikkontrattaw iz-zwieg taghhom, il-konvenut kien qieghed jeskludi diversi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Il-fatt li wara ftit xhur biss ta' konoxxenza, l-konvenut staqsa lill-attrici sabiex tizzewwgu u l-kambjament drammatiku li sehh fih ftit wara li zzewwgu, b'mod partikolari wara z-zjara taghhom lid-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates, ma jhallu l-ebda dubju li l-kunsens tieghu kien vizzjat.

B'zieda ma' dan, l-allontanament tieghu minn mal-attrici ftit granet biss wara li zzewwgu huwa sintomatiku tal-fatt illi huwa qatt ma kellu ebda intenzjoni li jibni hajja matrimonjali u familjari mal-attrici. Il-'consortium vitae' u cioe` l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` familjari, kien ghal kollox nieqes minn dan iz-zwieg. L-attur ma kellu l-ebda hsieb illi l-partijiet jghixu hajja matrimonjali fejn iz-zewg konjugi jaqsmu u jerfghu ir-responsabbiltajiet li z-zwieg igib mieghu. Iz-zwieg mal-attrici kien biss mezz ghalih sabiex jakkwista l-permess li jirrisjedi permanentement f’Malta. Ix-xiehda tal-attrici meta tghid li l-konvenut stess

qalilha li ma kellux izjed bzonnha ghaliex kellu l-assigurazzjoni li kien ser jinhariglu l-permess, jikkonferma l-hsieb tal-konvenut fil-mument li qed jizzewweg lill-attrici.

Ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma illi ghall-kaz in dizamina huwa applikabbli l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 li jipprovdi illi zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."*

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Lulju 2008 u dan ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut salv l-ispejjez tal-kuraturi deputati li ghandhom jithallsu mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**